**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Abdulhamid Saied**

**Kumpilazzjoni numru 100/2016**

**Illum 4 ta' Marzu, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Abdulhamid Saied** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 138450A billi huwa akkuzat talli nhar it-23 ta' Frar 2016, fi Triq id-Dejqa fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBD-607 ghad-detriment ta' Robert Ellul u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-hin, bil-valur li huwa ta' aktar minn mitejn tnejn u tlettin Euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet

mija w disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBD-607 ghad-dannu ta' Robert Ellul u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda aktar minn mitejn u hamsin Euro (€250) u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahghom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliki, fi stat ta' sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Kif ukoll talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta' Frar, 2016.

**Ikkunsidart:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-Gimgha 4 ta' Frar, 2016 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat li l-valur tal-hsara li kkaguna l-imput fuq il-vettura ta' Robert Ellul hija ta' elef u wiehed u erbghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,041.82).

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza li l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi tkun piena karcerarja ta' disa' (9) xhur prigunerija.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli indikati tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija u tmien mitt Ewro multa (€800).

Tenut kont tat-danni kagunati fil-konfront tal-*parte civile* Robert Ellul il-Qorti ser tghaddi biex tillikwida arbitrio boni viri d-danni favur il-parte civile Robert Ellul fl-ammont elef u wiehed u erbghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,041.82), liema ammont irid jithallas fi zmien sena minn meta l-hati jiskonta s-sentenza ta' prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara li z-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz ghandhom jitnaqqsu miz-zmien li l-imputat irid jiskonta fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin in konnessjoni ma' din is-sentenza.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**